SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

2 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-kapital — Artikolu 63 TFUE — Tassazzjoni ta' dħul minn fondi ta' pensjoni — Differenza fit-trattament bejn il-fondi ta' pensjoni residenti u l-fondi ta' pensjoni mhux residenti — Tassazzjoni fil-forma ta' somma f'daqqa tal-fondi ta' pensjoni residenti fuq il-bażi ta' rendiment fittizju — Taxxa f'ras il-għajn applikata għad-dħul li ġej mid-dividendi riċevuti mill-fond ta' pensjoni mhux residenti — Komparabbiltà"

Fil-Kawża C-252/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (qorti amministrattiva suprema, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Mejju 2014, fil-proċedura

Pensioenfonds Metaal en Techniek

vs

Skatteverket,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, F. Biltgen, E. Levits (Relatur), M. Berger u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Mejju 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Pensioenfonds Metaal en Techniek, minn F. Boulogne u G. Andersson, avukati,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk kif ukoll minn L. Swedenborg u F. Sjövall, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Enegren u W. Roels kif ukoll minn C. Tufvesson, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Pensioenfonds Metaal en Techniek (iktar 'il quddiem il-"PMT"), fond ta' pensjoni stabbilit fil-Pajjiżi l-Baxxi, u Skatteverket (amministrazzjoni fiskali) dwar it-tassazzjoni tad-dividendi mħallsa fl-Isvezja minn PMT matul il-perijodu 2002-2006.

Il-kuntest ġuridiku Svediż

Il-leġiżlazzjoni dwar il-fondi ta' pensjoni

3 L-Artikolu 9 tal-lagen (1967:531) om tryggande av pensionsutfästelse m. m [liġi (1967:531) fuq il-garanzija ta' wegħdiet ta' pensjonijiet u kunsiderazzjonijiet oħra, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-garanzija ta' wegħdiet ta' pensjonijiet"] tiddefinixxi fond ta' pensjoni bħala fond stabbilit minn persuni li jimpjegaw għall-għan waħdieni li jiggarantixxi wegħdiet ta' pensjoni għall-ħaddiema jew il-benefiċjarji superstiti tagħhom.

4 Konformement mal-Artikolu 12 tal-imsemmija liġi, il-fondi ta' pensjoni huma formalment ipprojbiti milli jikkommettu ruħhom li jħallsu pensjonijiet u ma jipproċedux bil-ħlas tal-pensjonijiet tal-irtirar. Il-funzjoni ta' fond ta' pensjoni hija biss li jamministra l-kapital li l-persuna li timpjega tħallas lilu u li jiżgura li l-wegħdiet tal-pensjoni ta' din tal-aħħar ikunu jistgħu jiġu ssodisfatti.

5 L-impenji tal-fondi ta' pensjoni li jiggarantixxu l-wegħdiet ta' pensjoni magħmula mill-persuni li jimpjegaw huma impenji fit-tul. Skont l-Artikolu 10(a) tal-liġi fuq il-garanzija tal-wegħdiet tal-pensjonijiet, l-assi tal-fondi ta' pensjoni għandhom ikunu pożizzjonati b'mod li jippermettu diversifikazzjoni tajba tar-riskji sabiex jamministraw bl-aħjar mod u b'kawtela l-interessi ta' dawk fi ħdan l-istituzzjoni. Il-fondi ta' pensjoni għandhom isegwu l-linji gwida ta' investiment li jikkonformaw mar-rekwiżiti previsti mid-dispożizzjonijiet u l-linji gwida ġenerali tal-Ispettorat Nazzjonali tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji rigward il-linji gwida ta' investiment u l-analiżijiet tal-impatt tal-istituzzjonijiet li jeżerċitaw attivitajiet ta' provvista ta' rtirar professjonali (Finansinspektionens föreskrifter och allmänna rad om placeringsriktlinjer och konsekvensanalys för institut som driver tjänstenpensionverksamhet, FFF 2011:16).

6 Il-fondi ta' pensjoni jagħmlu parti mill-metodi magħżula mir-Renju tal-Isvezja sabiex jikkonċepixxu u jiżguraw is-sistema ta' pensjonijiet tal-irtirar. Sabiex ikunu ssalvagwardati l-wegħdiet ta' pensjoni, huwa wkoll possibbli li tinxtara polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew li jiġu inklużi riżervi fil-karta tal-bilanċ u tintrabat magħhom garanzija ta' kreditu jew garanzija muniċipali jew tal-Istat.

It-tassazzjoni tal-fondi ta' pensjoni residenti

7 Il-persuni ġuridiċi taxxabbli b'mod illimitat fl-Isvezja huma suġġetti għat-taxxa tad-dħul taħt l-inkomstskattelagen (1999:1229) [liġi (1999:1229) dwar it-taxxa tad-dħul, iktar 'il quddiem "liġi tat-taxxa tad-dħul"] imposta, b'mod partikolari, fuq il-qligħ kapitali, id-dividendi u l-interessi.

8 Skont il-punt 3 tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Kapitolu 7 tal-liġi tat-taxxa tad-dħul, il-fondi ta' pensjoni huma madankollu totalment eżenti mill-obbligu fiskali previst taħt din il-liġi. L-imsemmija liġi tirreferi, f'dan ir-rigward, għad-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fuq il-qligħ kapitali li

jinsabu fil-lagen (1990:661) om avkastningsskatt på pensionsmedel [liġi (1990:661) dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment tal-pensjonijiet, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment tal-pensjonijiet"].

9 Skont l-Artikolu 2 tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment tal-pensjonijiet, il-fondi ta' pensjoni Svediżi kif ukoll l-impriżi ta' assigurazzjoni tal-ħajja għandhom iħallsu t-taxxa fuq il-qligħ kapitali li hija taxxa b'rata fissa li tintaxxa r-rendiment attwali ta' tfaddil għall-irtirar u fejn il-bażi hija kkalkolata f'żewġ stadji skont l-Artikoli 3 sa 8 tal-imsemmija liġi.

10 Fl-ewwel lok, għandha tiġi kkalkolata s-saħħa finanzjarja, li hija kkostitwita mill-valur fil-bidu tas-sena tal-assi tal-fond ta' pensjoni wara li jitnaqqsu d-djun eżistenti fl-istess data. Skont il-Gvern Svediż, fond ta' pensjoni ma jistax, skont l-Artikolu 11(4) tal-liġi dwar il-garanzija tal-wegħdiet ta' pensjoni, jagħmel kuntratt ta' self jekk mhux għall-għan waħdieni li jissodisfa l-ħtiġijiet temporanji tiegħu ta' likwidità, u dan biss bil-kundizzjoni li l-ammont tas-self ikun ta' valur baxx meta mqabbel mad-daqs tal-istituzzjoni tal-pensjoni.

11 Fit-tieni lok, ir-rendiment fiss ta' dan il-kapital, jiġifieri l-bażi taxxabbli hija stabbilita billi tiġi mmultiplikata l-bażi kapitali finanzjarja mar-rendiment medju tal-bonds tal-Gvern għas-sena kalendarja li tiġi immedjatament qabel is-sena tat-taxxa. Skont l-Artikolu 9 tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment tal-pensjonijiet, it-taxxa fuq id-dħul mill-kapital hija ffissata b'rata ta'15 % fuq il-bażi hekk miksuba.

12 Din it-taxxa fuq id-dħul kapitali tapplika għall-fondi ta' pensjonijiet u għall-impriżi Svediżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja kif ukoll għall-impriżi ta' assigurazzjoni tal-ħajja u għall-istituzzjonijiet tal-irtirar okkupazzjonali barranin li għandhom stabbiliment permanenti fl-Isvezja u għandha l-għan, skont il-qorti tar-rinviju, li tikseb taxxa fissa uniformi fuq il-forom kollha ta' tfaddil għall-pensjoni. Dan il-metodu huwa użat kemm għat-taxxa fuq il-qligħ kapitali mit-tfaddil għall-irtirar individwali kif ukoll fuq dak mill-assigurazzjonijiet tal-pensjonijiet, mill-kapital fuq l-assigurazzjoni għall-ħajja u mill-forom l-oħra ta' kapital tal-irtirar.

It-tassazzjoni tal-fondi ta' pensjoni mhux residenti

13 Il-persuni ġuridiċi barranin li jirċievu dividendi minn azzjonijiet ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata Svediżi jew minn ishma f'fondi ta' investiment Svediżi għandhom iħallsu fl-Isvezja taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi skont l-Artikoli 1 u 4 tal-kupongskattelagen (1970:624) [liġi (1970:624) dwar it-taxxa fuq id-dividendi, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar it-taxxa fuq id-dividendi"].

14 Skont l-Artikolu 5 tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dividendi, it-taxxa fuq id-dividendi hija stabbilita għal 30 % tal-ammont ta' dividendi mqassma. Skont il-konvenzjoni fiskali bejn ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-rata tat-taxxa fuq id-dividendi mqassma bejn dawn iż-żewġ Stati Membri ma għandhiex, madankollu, teċċedi 15 % tal-ammont gross tagħhom.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

15 Matul il-perijodu ta' bejn l-2002 u l-2006, PMT irċeviet minn kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata Svediżi dividendi li fuqhom inżammet taxxa f'ras il-għajn ta' 15 % għal ammont totali ta' 20 957 836 krona Svediżi (SEK) (madwar EUR 2 262 861).

16 Fix-xahar ta' Diċembru 2007, PMT talbet lill-amministrazzjoni fiskali Svediża r-rimbors tal-ammont tat-taxxa fuq id-dividendi mħallsa, għar-raġuni li l-ħlas ta' din it-taxxa kien kontra r-regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-kapital. PMT argumentat li hija kellha tiġi ttrattata bħal fond intaxxat skont il-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment ta' pensjonijiet u, bħala tali, tibbenefika minn

tassazzjoni iktar favorevoli. Hija sostniet li d-differenza tat-taxxa li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-liġi dwar it-tassazzjoni tal-kapital ta' investiment ta' pensjonijiet u l-liġi dwar it-taxxa fuq id-dividendi ma kinitx iġġustifikata.

17 Peress li l-amministrazzjoni fiskali Svediża ċaħdet it-talba ta' PMT, din tal-aħħar ressqet azzjoni quddiem il-Länsrätten i Dalarnas län (qorti amministrattiva dipartimentali ta' Dalécarlie, l-Isvezja) li ġiet miċħuda wkoll.

18 Wara l-appell ippreżentat minn PMT, il-Kammarrätten i Sundsvall (il-qorti tal-appell amministrattiva ta' Sundsvall) iddeċidiet, minn naħa, li ma kienx ġie muri li PMT ġiet intaxxata b'mod mhux favorevoli meta mqabbla ma' fondi ta' pensjoni Svediżi ekwivalenti, u, min-naħa l-oħra, li ma kienx ġie stabbilit li d-diversi sistemi fiskali kienu diskriminatorji.

19 PMT ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Högsta förvaltningsdomstolen (qorti amministrattiva suprema, l-Isvezja) billi sostniet li l-istruttura tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tat-tassazzjoni tal-fondi ta' pensjoni hija diskriminatorja. It-taxxa fuq il-qligħ kapitali għandha tissostitwixxi mhux biss it-taxxa fuq id-dividendi, iżda wkoll it-taxxa fuq il-profitt minn ċessjonijiet u fuq l-interessi, u t-tassazzjoni fuq id-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni Svediżi hija kunsiderevolment iktar baxxa mit-taxxa formali fuq il-qligħ kapitali. Peress li l-fondi ta' pensjoni barranin huma suġġetti għal taxxa gross taħt il-forma ta' taxxa fuq id-dividendi direttament riċevuti fil-mument tad-distribuzzjoni tad-dividendi, dawn lanqas ma setgħu jibbenefikaw mill-capping fiż-żmien, imfittxija mill-metodu b'rata fissa.

20 Barra minn hekk, il-kalkolu tat-taxxa fuq il-qligħ kapitali applikabbli għall-fondi ta' pensjoni residenti jippermetti t-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li t-taxxa f'ras il-għajn applikabbli għall-fondi ta' pensjoni ta' azzjonisti mhux residenti ma tippermettihx.

21 Fl-aħħar nett, filwaqt li t-taxxa f'ras il-għajn isseħħ fil-mument tad-distribuzzjoni tad-dividendi, it-taxxa fuq il-qligħ kapitali hija, min-naħa tagħha, ikkalkolata u miġbura sena wara d-distribuzzjoni tad-dividendi, li jwassal għal żvantaġġ ta' likwidità għall-fondi ta' pensjoni mhux residenti.

22 L-amministrazzjoni fiskali Svediża tqis li s-sistema fiskali nazzjonali tipprevedi żewġ modi ta' tassazzjoni differenti u ma toħloq l-ebda diskriminazzjoni. It-tassazzjoni effettiva tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni residenti tikkorrispondi għat-taxxa f'ras il-għajn imposta skont konvenzjonijiet fiskali fuq id-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni mhux residenti. Is-sistema applikabbli għall-fondi ta' pensjoni mhux residenti tista' barra minn hekk tkun iktar vantaġġuża, minn naħa, minħabba l-evoluzzjoni tar-rendiment tal-bonds tal-Gvern u, min-naħa l-oħra, għar-raġuni li t-tassazzjoni sseħħ biss ġaladarba d-distribuzzjoni tad-dividendi tkun seħħet, filwaqt li l-fondi ta' pensjoni residenti jħallsu t-taxxa tal-qligħ fuq il-kapital kull sena. L-ispejjeż li l-fondi ta' pensjoni residenti jistgħu eventwalment inaqqsu fuq il-bażi tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-djun tagħhom fil-kalkolu tal-bażi kapitali ma humiex ittrasferiti għad-dividendi riċevuti u ma hemm ebda tariffi direttament marbuta mad-dividendi fuq il-kapital investit fl-Isvezja. Il-fondi ta' pensjoni residenti jħallsu bil-quddiem taxxa tad-dħul fix-xahar fuq il-profitti akkont u ma jibbenefikaw, minħabba dan il-fatt, minn ebda vantaġġ ta' likwidità.

23 Il-qorti tar-rinviju tikkonferma li s-sistema fiskali applikabbli għall-fondi ta' pensjoni tiddependi fuq l-istatus ta' resident fit-territorju nazzjonali ta' dawn tal-aħħar u r-rata tat-taxxa nominali inkwistjoni fil-kawża quddiemha hija ta' 15 % kemm għat-taxxa fuq il-qligħ kapitali kif ukoll għat-taxxa fuq id-dividendi.

24 Din il-qorti tgħid ukoll li t-taxxa fuq il-qligħ kapitali hija bbażata fuq rendiment fittizju. Dan jimplika li, fir-rigward tal-metodu tal-kalkolu tal-bażi taxxabbli fuq il-qligħ kapitali, it-taxxa tista' tkun iktar vantaġġuża f'xi snin għall-azzjonisti residenti, filwaqt li fi snin oħra, madankollu, ir-riżultat tat-tassazzjoni ta' dawn l-azzjonisti jista' jkun ta' żvantaġġ meta mqabbla mar-riżultat ta' tassazzjoni ta' azzjonisti mhux residenti. Hija tenfasizza li t-taxxa fuq il-qligħ kapitali tinġabar kull sena

indipendentement mill-eżistenza ta' distribuzzjoni ta' dividendi. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tindika li ġie sostnut quddiemha li l-istruttura tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam ta' tassazzjoni tal-fondi ta' pensjoni hija diskriminatorja, b'mod partikolari peress li t-tnaqqis tat-telf finanzjarju kien possibbli fil-kalkolu tal-bażi taxxabbli fuq il-qligħ kapitali u peress li l-mument meta t-taxxa tinġabar jista' jwassal għal żvantaġġ ta' likwidità għall-fondi ta' pensjonijiet barranin.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Högsta förvaltningsdomstolen (qorti amministrattiva suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 63 TFUE jostakola leġiżlazzzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dividendi mħallsa minn kumpannija residenti jkunu suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn jekk l-azzjonist ikun resident fi Stat Membru ieħor meta, fil-każ ta' azzjonist resident, dawn id-dividendi jkunu suġġetti għal taxxa kkalkolata fil-forma ta' somma mħallsa f'daqqa fuq il-bażi ta' dħul fittizju li, matul iż-żmien, hija intiża li tikkorrispondi għat-tassazzjoni normali tad-dħul kollu mill-kapital?"

Fuq id-domanda preliminari

26 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 63 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dividendi mqassma minn kumpannija residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn meta dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni mhux residenti u, fejn dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni residenti, għal taxxa b'rata fissa kkalkolata fuq il-bażi ta' rendiment fittizju li jikkorrispondu, matul iż-żmien, mat-tassazzjoni tad-dħul kapitali kollu skont is-sistema tal-liġi komuni.

27 Skont ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-miżuri pprojbiti mill-Artikolu 63(1) TFUE, bħala restrizzjonijiet għall-movimenti ta' kapital, jinkludu dawk li huma ta' natura li jiddisswadu lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru jew li jiddisswadu lir-residenti tal-imsemmi Stat Membru milli jinvestu fi Stati oħra (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 28, u tat-22 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-600/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:737, punt 14).

28 B'mod partikolari, trattament sfavorevoli minn Stat Membru tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni mhux residenti, meta mqabbel mat-trattament tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni residenti, jista' jiddisswadi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru differenti mill-ewwel Stat Membru milli jagħmlu investimenti f'dan l-ewwel Stat Membru u jikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE, (ara s-sentenzi tat-8 ta' Novembru 2012. Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 33, u tat-22 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-600/10, mhux ippubblikata, EU:C:2012:737, punt 15).

29 Skont il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-fondi ta' pensjoni huma suġġetti, f'dak li jirrigwarda d-dividendi mqassma lilhom, għal żewġ sistemi fiskali differenti, li l-applikazzjoni tagħhom tiddependi fuq l-istatus tagħhom ta' resident jew le fit-territorju tal-Istat Membru tal-kumpannija li tħallas dividendi.

30 Fil-fatt, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li huma biss id-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni mhux residenti minn kumpannija Svediża li huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn ta' 30 % tal-ammont gross tagħhom, din ir-rata tista' madankollu titnaqqas taħt konvenzjoni dwar ħelsien minn taxxa doppja. Kif indikat il-qorti tar-rinviju, id-dividendi riċevuti minn PMT kienu s-suġġett ta' taxxa f'ras il-għajn ta' 15 % bl-applikazzjoni ta' tali konvenzjoni konkluża bejn ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

31 Min-naħa l-oħra, id-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni residenti ma humiex suġġetti għal tali taxxa f'ras il-għajn, iżda għal taxxa fuq il-qligħ kapitali, fejn il-bażi tat-taxxa hija kkalkolata f'żewġ stadji. L-ewwel nett, huwa ddeterminat il-valur tal-assi kollha li jeżistu fil-bidu tas-sena fiskali, imnaqqas bid-dejn finanzjarju fl-istess data. It-tieni nett, dan l-ammont nett huwa mmultiplikat bir-rendiment medju tal-bonds tal-Gvern għas-sena kalendarja li tiġi immedjatament qabel is-sena fiskali kkonċernata. Ir-riżultat hekk miksub huwa rendiment fittizju, li huwa ntaxxat bir-rata ta' 15 %.

32 Id-differenza bejn iż-żewġ sistemi fiskali tinvolvi, b'mod partikolari, il-metodu tal-kalkolu tal-bażi taxxabbli kif ukoll il-modi ta' perċezzjoni ta' din tal-aħħar, filwaqt li r-rata ta' taxxa nominali hija, fil-kuntest taż-żewġ sistemi, identika.

33 Rigward il-kwistjoni dwar jekk leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, għandu jiġi ddeterminat jekk tali trattament differenti tat-tassazzjoni tad-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni skont l-istatus ta' resident jew le ta' dawn tal-aħħar iwassal għal trattament sfavorevoli tal-fondi ta' pensjoni mhux residenti meta mqabbla mal-fondi ta' pensjoni residenti.

34 Hija l-qorti tar-rinviju, li hija biss tista' tkun taf b'mod preċiż il-fatti tal-kawża quddiemha, li għandha tevalwa jekk, fir-rigward tad-dividendi inkwistjoni f'din il-kawża, l-applikazzjoni għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ta' taxxa f'ras il-għajn ta' 15 % prevista mill-konvenzjoni bilaterali preventiva tat-taxxa doppja twassalx għar-riżultat li r-rikorrenti jkollha tħallas, finalment, piż fiskali ikbar fl-Isvezja minn dak impost fuq il-fondi ta' pensjoni residenti għad-dividendi tal-istess tip (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 48).

35 F'dan ir-rigward, il-Gvern Svediż u dak Ġermaniż isostnu li din l-evalwazzjoni għandha titwettaq fuq diversi snin, li jikkorrispondu għal ċiklu ekonomiku, li jippermetti li jintwera, skont dawn il-gvernijiet, li t-tassazzjoni ta' dawn id-dividendi bl-applikazzjoni ta' kwalunkwe metodu jipproduċi l-istess riżultat wara ċiklu ekonomiku.

36 Huwa għalhekk importanti li jiġi ddeterminat jekk il-qorti tar-rinviju għandhiex testendi l-evalwazzjoni tagħha ta' trattament sfavorevoli eventwali tad-dividendi mqassma lil fondi ta' pensjoni mhux residenti għal perijodu li jkopri diversi snin, ikkunsidrati flimkien, kif sostnut mill-imsemmija gvernijiet, jew jekk tali evalwazzjoni għandhiex issir fuq bażi annwali, għal kull sena tal-perijodu inkwistjoni, kif issostni l-Kummissjoni.

37 Għandu jiġi osservat, minn naħa, li jekk, skont il-Gvern Svediż, il-metodu ta' taxxa b'rata fissa huwa intiż sabiex jikseb tassazzjoni uniformi tat-tfaddil dirett u tat-tfaddil indirett u jrendi ugwali t-tassazzjoni matul iż-żmien, jirriżulta madankollu mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li t-taxxa fuq il-qligħ kapitali, li tapplika għall-fondi ta' pensjoni residenti, hija kkalkolata fuq bażi annwali. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-perijodu li għandu jintuża għall-iskop ta' paragun tal-piż fiskali fuq id-dividendi mħallsa lil residenti u lil persuni mhux residenti, huwa dak li jittieħed inkunsiderazzjoni għad-dividendi mħallsa lir-residenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 51).

38 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment, li, anki jekk wieħed jassumi li s-sistema fiskali ta' Stat Membru hija iktar ta' spiss favorevoli għall-persuni taxxabbli mhux residenti, dan ma jipprekludix li, fejn din is-sistema tkun ta' żvantaġġ għall-imsemmija persuni taxxabbli, din twassal għal inugwaljanza fit-trattament b'paragun mal-persuni taxxabbli residenti u toħloq restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, AMID, C-141/99, EU:C:2000:696, punt 27, u tat-22 ta' Marzu 2007, Talotta, C-383/05, EU:C:2007:181, punt 31). Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiddiskrimina kontra persuni mhux residenti ma jistax jiġi kkumpensat mill-fatt li, f'sitwazzjonijiet

oħrajn, din l-istess leġiżlazzjoni ma taffettwax lill-persuni mhux residenti meta mqabbla mal-persuni residenti (sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Lakebrink u Peters Lakebrink, C-182/06, EU:C:2007:452, punt 23).

39 Minn tali interpretazzjoni jirriżulta li kull trattament sfavorevoli tad-dividendi mħallsa lil fondi ta' pensjoni mhux residenti matul sena fiskali ma jistax jiġi kkumpensat permezz ta' trattament possibbilment vantaġġuż ta' dawn tal-aħħar matul snin fiskali oħra.

40 Fi kwalunkwe każ, kif issostni l-Kummissjoni mingħajr ma ġiet kontradetta mill-Gvern Svediż fuq dan il-punt, il-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix mekkaniżmu li jippermetti li jiġi żgurat li l-piż fiskali applikat għal dividendi nazzjonali riċevuti mill-fondi ta' pensjoni residenti eventwalment ikunu identiċi għal dawk tal-istess tip ta' dividendi riċevuti minn fondi ta' pensjoni mhux residenti.

41 Minn dan isegwi li l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' trattament sfavorevoli possibbli tad-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni mhux residenti għandha ssir għal kull sena fiskali individwalment.

42 Issa, kif jammetti l-Gvern Svediż stess, fil-punt 48 tal-osservazzjonijiet tiegħu, matul is-snin fejn ir-rendiment effettiv tal-ishma huwa ogħla mir-rata fissa ta' rendiment li jikkorrispondi mar-rendiment tal-bonds tal-Gvern, li jkun il-każ, b'mod partikolari, fil-kundizzjonijiet attwali tas-suq, huwa vantaġġuż għal fond ta' pensjoni mhux residenti li jħallas, minflok taxxa fuq id-dividendi, taxxa fuq ir-rendiment, kif applikat għall-fondi ta' pensjoni residenti.

43 Din l-evalwazzjoni, essenzjalment, taqbel magħha l-qorti tar-rinviju li tgħid li, fir-rigward tal-metodu tal-kalkolu tal-bażi taxxabbli fuq il-qligħ kapitali, ir-riżultat tat-taxxa jista' jkun iktar vantaġġuż f'ċerti snin għall-azzjonisti residenti, filwaqt li, fi snin oħra, ikun iktar vantaġġuż għall-azzjonisti mhux residenti.

44 Peress li d-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni fiskali ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fir-rigward tat-tassazzjoni tad-dividendi mħallsa lill-fondi ta' pensjoni residenti u t-tassazzjoni tad-dividendi tal-istess tip imħallsa lill-fondi ta' pensjoni mhux residenti, tista' twassal għar-riżultat li d-dividendi mħallsa lill-fondi tal-aħħar iġorru piż fiskali ogħla meta mqabbel ma' dak li jġorru l-fondi ta' pensjoni residenti, tali differenza fit-trattament tista' tiddisswadi tali fondi ta' pensjoni mhux residenti milli jagħmlu investimenti f'dan l-Istat Membru u hija għalhekk restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 63 TFUE.

45 Konformement mal-Artikolu 65(1)(a) TFUE, l-Artikolu 63 ma għandux madankollu jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li ma humiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit.

46 Din id-dispożizzjoni, inkwantu tidderoga mill-prinċipju fundamentali ta' moviment liberu tal-kapital, għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Għalhekk, din ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tinvolvi distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn jirrisjedu jew l-Istat Membru li fih dawn jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat FUE. Fil-fatt, id-deroga prevista fl-Artikolu 65(1)(a) TFUE nnifisha hija limitata mill-paragrafu 3 tal-istess l-artikolu, li jipprevedi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tal-istess artikolu "m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu tal-kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63 TFUE" (sentenza tal-10 ta' April 2014, Emerging Markets Series of DFA Investment Trust Company, C-190/12, EU:C:2014:249, punti 55 u 56, kif ukoll ġurisprudenza ċċitata).

47 Għalhekk, id-differenzi fit-trattament awtorizzati mill-Artikolu 65(1)(a) TFUE għandhom jiġu distinti mid-diskriminazzjonijiet ipprojbiti mill-paragrafu 3 tal-istess artikolu. Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża

prinċipali, tkun tista' titqies li hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tkun tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex paragunabbli b'mod oġġettiv jew li tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (ara s-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 Għandu jitfakkar li l-komparabbiltà ta' sitwazzjoni transkonfinali ma' sitwazzjoni interna għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni (sentenza tat-8 ta' Novembru 2012 Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-342/10, EU:C:2012:688, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll l-għan u l-kontenut ta' dawn tal-aħħar (ara s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Il-Kummissjoni vs L-Estonja, C-39/10, EU:C:2012:282, punt 51).

49 Barra minn hekk, huma biss il-kriterji ta' distinzjoni rilevanti stabbiliti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' jekk id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn tali leġiżlazzjoni tirriflettix differenza oġġettiva tas-sitwazzjoni (sentenza tal-10 ta' Mejju 2012 Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, EU:C:2012:286, punt 28).

50 F'dan il-każ, kif ġie rrilevat fil-punt 29 ta' din is-sentenza, il-leġiżlazzjoni fil-kawża prinċipali tistabbilixxi kriterju ta' distinzjoni bbażat fuq il-post ta' residenza tal-fond ta' pensjoni benefiċjarju tad-dividendi, billi ssuġġettat id-dividendi riċevuti minn fondi ta' pensjoni mhux residenti għal taxxa f'ras il-għajn u dawk riċevuti mill-fondi ta' pensjoni residenti għal taxxa fuq il-qligħ kapitali.

51 Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi vverifikat, jekk, fid-dawl tal-għan kif ukoll l-iskop u l-kontenut tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-fondi ta' pensjoni residenti u l-fondi ta' pensjoni mhux residenti humiex f'sitwazzjoni paragunabbli.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li t-tassazzjoni ta' fondi ta' pensjoni residenti għandha għan differenti minn ta' dik applikata fuq il-fondi ta' pensjoni mhux residenti. Għalhekk, filwaqt li tal-ewwel huma ntaxxati fuq id-dħul kollu tagħhom, ikkalkolat fuq il-bażi tal-attiv tagħhom wara li jitnaqqsu d-djun tagħhom, li għalih tiġi applikata rata ta' taxxa fissa, irrispettivament mill-ġbir attwali ta' dividendi rċevuti fl-Isvezja matul is-sena fiskali kkonċernata, tat-tieni huma ntaxxati fuq id-dividendi rċevuti fl-Isvezja matul dik is-sena.

53 Fil-fatt, fil-kuntest tas-sistema ta' pensjonijiet tal-irtirar, li jagħmlu parti minnu l-fondi ta' pensjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-tassazzjoni tal-imsemmija fondi hija intiża sabiex tintroduċi taxxa newtrali u indipendenti mis-sitwazzjoni ekonomika tad-diversi tipi ta' attiv kif ukoll mill-forom kollha ta' tfaddil għall-irtirar ikkonċernati.

54 Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-attiv kollu ta' fond ta' pensjoni residenti huwa suġġett għal taxxa b'rata fissa annwali, li tirrifletti r-rendiment ta' dan l-attiv, irrispettivament mill-forma ta' dħul iġġenerat minn dan l-imsemmi attiv, b'mod partikolari l-ġbir tad-dividendi.

55 Tali tassazzjoni tad-dħul tal-fondi ta' pensjoni hija eżerċitata mir-Renju tal-Isvezja, bħala l-Istat ta' residenza ta' dawn il-fondi ta' pensjoni, peress li għandu f'dan ir-rigward setgħa li jintaxxa d-dħul globali tagħhom.

56 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-fondi ta' pensjoni mhux residenti fl-Isvezja, dan l-Istat Membru għandu biss, konformement mal-konvenzjoni bilaterali preventiva tat-taxxa doppja konkluża mar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, setgħa ta' tassazzjoni tad-dħul iġġenerat mill-assi ta' dawn il-fondi li jinsabu fl-Isvezja. Għalhekk, ir-Renju tal-Isvezja jintaxxa d-dividendi rċevuti mill-fondi ta' pensjoni mhux residenti bħala l-Istat sors tad-dividendi.

57 Peress li, skont din il-konvenzjoni, ir-Renju tal-Isvezja ma għandu l-ebda setgħa ta' tassazzjoni fuq l-attiv ta' fondi ta' pensjoni mhux residenti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jinsabu fit-territorju tiegħu, is-sempliċi żamma ta' attiv fl-Isvezja ma jistax madankollu jagħti lok għal tassazzjoni f'dan l-Istat Membru.

58 Għalhekk, minħabba s-setgħa ta' tassazzjoni limitata tar-Renju tal-Isvezja fir-rigward tal-fondi ta' pensjoni mhux residenti, dan l-Istat Membru ma jistax jintaxxa l-attiv kollu ta' dawn il-fondi ta' pensjoni.

59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għan segwit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-kawża prinċipali inkwistjoni li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' taxxa newtrali u indipendenti mis-sitwazzjoni ekonomika tad-diversi tipi ta' attiv kif ukoll mill-forom kollha tat-tfaddil għall-irtirar ikkonċernati, li jimplika li l-fondi ta' pensjoni huma ntaxxati fuq l-attiv kollu tagħhom, ma jistax jinkiseb fil-każ ta' fondi ta' pensjoni mhux residenti.

60 Dan il-għan, li jassumi wkoll li l-fondi ta' pensjoni huma ntaxxati kull sena u indipendentement mit-tqassim tad-dividendi, lanqas ma jista' jintlaħaq bit-tassazzjoni tad-dividendi rċevuti mill-fondi ta' pensjoni mhux residenti skont il-metodu ta' rata fissa, billi tibbaża ruħha, sabiex tikkalkola t-taxxa dovuta, fuq il-valur tal-attiv sottostanti, peress li, kif intqal fil-punti 56 sa 58 ta' din is-sentenza, il-fondi ta' pensjoni mhux residenti, fi kwalunkwe każ, jistgħu jiġu ntaxxati biss meta d-dividendi jitqassmu lilhom.

61 Barra minn hekk, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 32 u 33 tal-konklużjonijiet tiegħu, in-newtralità tat-tassazzjoni fir-rigward tal-forma ta' investiment, imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tippresupponi t-tassazzjoni tal-ammont totali tal-kapital investit mill-persuna taxxabbli, irrispettivament mill-kompożizzjoni tal-portafoll ta' investimenti tagħha.

62 Tali għan ma jistax jintlaħaq fil-każ ta' fondi ta' pensjoni mhux residenti suġġetti, fl-Isvezja, għat-tassazzjoni biss tad-dħul tiegħu li joriġina f'dan l-Istat Membru.

63 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-għan segwit mill-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll mill-iskop u l-kontenut tagħha, fond ta' pensjoni mhux residenti ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' fond ta' pensjoni residenti.

64 Għaldaqstant, huwa importanti, barra minn hekk, li jitfakkar li, jekk l-applikazzjoni għall-fondi ta' pensjoni residenti u mhux residenti taż-żewġ metodi ta' tassazzjoni differenti hija f'dan il-każ ġġustifikata minħabba d-differenza fis-sitwazzjoni bejn iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-ispejjeż professjonali direttament marbuta ma' attività li ġġenerat dħul taxxabbli fi Stat Membru, ir-residenti u dawk mhux residenti ta' dan tal-aħħar jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Miljoen *et*, C-10/14, C-14/14 u C-17/14, EU:C:2015:608, punt 57).

65 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-metodu ta' tassazzjoni applikat għall-fondi ta' pensjoni residenti jippermettix, bil-kalkolu tal-bażi taxxabbli tal-imsemmija fondi u, b'mod partikolari, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-djun tagħhom fil-kalkolu tal-bażi finanzjarja, li jittieħdu inkunsiderazzjoni spejjeż professjonali li jista' jkun hemm li huma direttament marbuta mal-ġbir tad-dividendi, kif tidher li qiegħed issostni PMT. Jekk dan kien il-każ, it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-ispejjeż għandu jiġi aċċettat ukoll għall-fondi ta' pensjoni mhux residenti.

66 Fid-dawl ta' dan kollu premess, għad-domanda preliminari għandha tingħata r-risposta li l-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dividendi mħallsa minn kumpannija residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn fejn dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni mhux residenti u, fejn dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni residenti, għal taxxa b'rata fissa kkalkolata fuq il-bażi ta' rendiment fittizju li jikkorrispondi, matul iż-żmien, mat-tassazzjoni tad-dħul kollu tal-kapital skont is-sistema tad-dritt komuni;

— jipprekludi, madankollu, li l-fondi ta' pensjoni benefiċjarji mhux residenti ma jkunux jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż professjonali li jista' jkun hemm li jkunu direttament marbuta mal-ġbir tad-dividendi, meta l-metodu tal-kalkolu tal-bażi taxxabbli tal-fondi ta' pensjoni residenti jipprevedi tali teħid inkunsiderazzjoni, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fuq l-ispejjeż

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— **ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dividendi mħallsa minn kumpannija residenti huma suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn fejn dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni mhux residenti u, fejn dawn id-dividendi jitħallsu lil fond ta' pensjoni residenti, għal taxxa b'rata fissa kkalkolata fuq il-bażi ta' rendiment fittizju li jikkorrispondi, matul iż-żmien, mat-tassazzjoni tad-dħul kollu tal-kapital skont is-sistema tad-dritt komuni;**

— **jipprekludi, madankollu, li l-fondi ta' pensjoni benefiċjarji mhux residenti ma jkunux jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż professjonali li jista' jkun hemm li jkunu direttament marbuta mal-ġbir tad-dividendi, meta l-metodu tal-kalkolu tal-bażi taxxabbli tal-fondi ta' pensjoni residenti jipprevedi tali teħid inkunsiderazzjoni, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

Firem